Bħala l-ħames aggravju, li huwa ppreżentat b'mod sussidjarju fil-każ fejn jiġi deċiż li l-użu tal-Artikolu 291(2) bħala bażi għall-adozzjoni ta' miżuri restrittivi individwali huwa legalment possibbli fil-kuntest ta' politika ta' adozzjoni ta' miżuri restrittivi bbażati fuq l-Artikolu 215 TFUE, ir-rikorrenti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball fil-punt 87 tas-sentenza tagħha meta qieset li l-obbligu ta' motivazzjoni tal-atti legali tal-Unjoni ma kienx jobbliga lill-Kunssill jindika b'mod espress li r-Regolament (UE) Nru 267/2012 kien ibbażat fuq l-Artikolu 291(2) TFUE, f'dak li jikkonċerna l-bażi legali tal-Artikolu 46(2) tar-Regolament Nru 267/2012.

Bħala s-sitt aggravju, ir-rikorrenti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punt 115 tas-sentenza tagħha meta ddeċidiet li l-kriterju stabbilit fl-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 267/2012 (il-kriterju kkontestat) huwa konformi mal-prinċipji ta' Stat tad-dritt u b'mod iktar ġenerali mad-dritt tal-Unjoni Ewropea peress li dan la ma "huwa arbitrarju u lanqas diskrezzjonali" u, fil-punt 123 tas-sentenza tagħha billi ddeċidiet li "l-kriterju kkontestat jillimita s-setgħa diskrezzjonali tal-Kunsill, billi jistabbilixxi kriterji oġġettivi, u jiggarantixxi l-livell ta' prevedibbiltà meħieġ mid-dritt tal-Unjoni". Il-Qorti Ġenerali kisret ukoll id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti. Qabelxejn, ir-rikorrenti tenfasizza li huwa fuq il-bażi ta' kitba mill-ġdid tal-kriterju kkontestat li l-Qorti Ġenerali tiddikjarah konformi mad-dritt tal-Unjoni, filwaqt li l-legalità tiegħu kellha tiġi evalwata skont kif dan jidher fir-regolament. Sussegwentement hija tosserva li l-fatt li l-Qorti Ġenerali kitbet mill-ġdid il-kriterju kkontestat sabiex tiddikjara li dan huwa legali jikser id-drittijiet tad-difiża tagħha billi jċaħħadha mid-dritt li tibbaża ruħha fuq l-imsemmi test miktub mill-ġdid sabiex torganizza d-difiża tagħha, billi hija ma kinitx taf is-sens ta' din il-kitba mill-ġdid fil-mument li kienet qiegħda tfassalha, filwaqt li topponiha. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tirrileva n-nuqqas ta' koerenza tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali, li jikser l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

(1) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, p. 1).
(2) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 945/2012, tal-15 ta' Ottubru 2012, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 282, p. 16).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Højesteret (id-Danimarka) fl-24 ta' Settembru 2014 – DI, li qed taġixxi għal Ajos A/S vs Suċċessjoni tal-mejjet Karsten Eigil Rasmussen**

**(Kawża C-441/14)**

(2014/C 421/34)

*Lingwa tal-kawża: id-Daniż*

**Qorti tar-rinviju**

Højesteret

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* DI (Dansk Industri), li qed taġixxi għal Ajos A/S

*Konvenuta:* Suċċessjoni tal-mejjet Karsten Eigil Rasmussen

**Domandi preliminari**

1) Il-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni minħabba l-età jipprekludi leġiżlazzjoni bħal-leġiżlazzjoni Daniża, li skontha l-impjegati ma jkollhomx id-dritt għal allowance ta' tkeċċija jekk ikunu jistgħu jibbenefikaw minn pensjoni tax-xjuħija dovuta mill-persuna li timpjegahom abbażi ta' skema ta' pensjoni li jkunu aderixxew magħha qabel l-età ta' 50 sena, indipendentement minn jekk ikunux għażlu li jibqgħu fis-suq tax-xogħol jew li jirtiraw?

2) Huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni li qorti Daniża, adita b'rikors li permezz tiegħu impjegat jitlob lil persuna privata li timpjega tħallsu allowance ta' tkeċċija – obbligu li minnu l-liġi Daniża, kif deskritt fl-ewwel domanda, teżenta lill-persuna li timpjega, eżenzjoni li tmur kontra l-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni minħabba l-età –, tibbilanċja l-imsemmi prinċipju u l-effett dirett tiegħu mal-prinċipju ta' ċertezza legali u mal-prinċipju korollarju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, u abbażi ta' dan tikkonkludi li l-prinċipju ta' ċertezza legali għandu jieħu preċedenza fuq il-prinċipju li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni minħabba l-età, b'mod li, skont id-dritt nazzjonali, il-persuna li timpjega hija eżenti mill-obbligu li tħallas l-allowance ta' tkeċċija? Qed jiġi mistoqsi wkoll jekk il-fatt li l-impjegat jista', jekk ikun il-każ, jeżiġi kumpens mill-Istat Daniż minħabba l-inkompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Daniża mad-dritt tal-Unjoni għandux jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk jistax jitwettaq tali bbilanċjar.

---

## Appell ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2014 minn Zweckverband Tierkörperbeseitigung in Rheinland-Pfalz, im Saarland, im Rheingau-Taunus-Kreis und im Landkreis Limburg-Weilburg i. L. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fis-16 ta' Lulju 2014 fil-Kawża T-309/12 – Zweckverband Tierkörperbeseitigung in Rheinland-Pfalz, im Saarland, im Rheingau-Taunus-Kreis und im Landkreis Limburg-Weilburg vs Il-Kummissjoni Ewropea

**(Kawża C-447/14 P)**

(2014/C 421/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Appellanti:* Zweckverband Tierkörperbeseitigung in Rheinland-Pfalz, im Saarland, im Rheingau-Taunus-Kreis und im Landkreis Limburg-Weilburg i. L. (rappreżentant: A. Kerkmann, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, Saria Bio-Industries AG & Co. KG, SecAnim GmbH, Knochen-und Fett-Union GmbH (KFU)

### Talbiet

1. tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-309/12, Zweckverband Tierkörperbeseitigung vs Il-Kummissjoni ([1]) u, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li għandha l-elementi kollha neċessarji sabiex tiddeċiedi hija stess it-tilwima, tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-25 ta' April 2012, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.25051 (C 19/2010) (ex NN 23/2010) mogħtija mill-Ġermanja lil "Zweckverband Tierkörperbeseitigung in Rheinland-Pfalz, im Saarland, im Rheingau-Taunus-Kreis und im Landkreis Limburg-Weilburg", C(2012) 2557 finali, u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha tal-proċedura tal-appell u kif ukoll tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali;

2. sussidjarjament, tannulla s-sentenza appellata, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali u żżomm l-ispejjeż riżervati.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti tinvoka essenzjalment l-aggravji li ġejjin:

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kklassifikat il-finanzjament tar-riżerva kontra epidemiji permezz tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-appellanti bħala għajnuna mill-Istat, billi kkunsidrat li, fir-rigward tal-attività marbuta maż-żamma ta' riżerva ta' kapaċitajiet kontra epidemiji tal-annimali fit-territorju ta' ġurisdizzjoni tagħha, l-appellanti għandha tiġi kklassifikata bħala impriża fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Huwa veru li l-Qorti Ġenerali, qabelxejn, tipprovdi korrettament li l-attivitajiet li jaqgħu fi ħdan l-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika ma humiex ta' natura ekonomika li tiġġustifika l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tat-TFUE. Il-Qorti Ġenerali tispeċifika korrettament ukoll li huwa neċessarju li tiġi eżaminata b'mod separat kull attività tal-appellanti sabiex jiġi vverifikat jekk tali attivitajiet jikkostitwixxux attivitajiet ta' awtorità pubblika. Madankollu, hija tikkonkludi b'mod żbaljat li ż-żamma ta' riżerva ta' kapaċitajiet kontra epidemiji ma taqax taħt l-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika, iżda tikkostitwixxi attività ekonomika li tikklassifika lill-appellanti fit-totalità tagħha bħala impriża.